MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2005

Talba Numru. 445/2005

**Vodafone Malta Limited (C-10865)**

**vs**

**Amanda Carabott**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fi-11 ta' Frar, 2005 fejn intalab il-hlas ta' mija u disghin lira Maltija u tmien centezmi (Lm190.08) hlas ghall-servizzi rezi mis-socjeta` attrici lill-konvenuta in kwantu ghal Lm7.47 in konnessjoni ma' mobile phone bin-numru 9924 6027;**
**In kwantu ghal Lm81.16 in konnessjoni mal-mobile phone bin-numru 9922 2575; u**
**In kwantu ghal Lm101.45 in konnessjoni mal-mobile phone bin-numru 9984 9319;**

**Illi l-konvenuta nterpellata sabiex thallas diversi drabi, baqghet inadempjenti;**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment u bl-interessi kontra l-konvenuta mid-data meta l-ammont pretiz fit-talba kien dovut sad-data tal-pagament effettiv.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fis-16 ta' Marzu, 2005, ghas-subizzjoni tal-konvenuta. Ra li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta u lanqas ma dehret, u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala konfermati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija u disghin lira Maltija u tmien centezmi (Lm190.08) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mit-23 ta' Frar, 2005 sad-data tal-pagament effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment mal-avviz, ghandhom jigu sopportati mill- konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------